MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2011

Numru 50/2009

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**kontra**

**Mohamed Muhudiin Dhiblaawe**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 50 tas-sena 2009 kontra l-akkuzat Mohammed Muhudiin Dhiblaawe li bih huwa gie akkuzat talli:

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-uniku kap tal-att tal-Akkuza: Illi f'Marzu tas-sena elfejn u disgħa (2009) il-pulizija eżekuttiva rċevew rapport mingħand Omar Hassan Nour, persuna ta' nazzjonalita' Somala fejn dan allega li hu kien ħallas is-somma ta' disa mitt Dollaru Amerikan (USD900) lil persuna sabiex din tħarbu mill-Libja għal Malta meta' effettivament dan ma żammx

kelmtu. B’hekk Nour xtaq li l-pulizija jieħdu passi kontra din il-persuna u dan peress li l-kwerelant in kwistjoni ħass li kien ġie ingannat u misruq tas-somma flus imsemmija. Din il-persuna kif indikata minn Nour, u magħrufa bħala Kurus lil-kwerelant, huwa l-akkużat f’dawn il-proċeduri.

Illi waqt investigazzjonijiet aktar akkurati u in segwitu għar-rapport magħmul, irriżulta li l-akkużat kien iddeċieda li jittrasporta persuni, b’mod illegali bejn il-Libja u Malta. L-iskop ta’ dan il-pjan altament riskjuż kien il-profitt kbir li jiġġeneraw dawn it-tip ta’ operazzjonijiet. Irriżulta li l-akkużat kien avviċina lill-kwerelant, fost diversi persuni oħra, waqt li Nour kien qiegħed il-Libja. L-akkużat offirlu li jgħinu sabiex jivvjaġġa lejn l-Ewropa iżda sabiex jipprovdilu dan is-serviżż hu kellu jħallsu s-somma ta’ disa’ mitt Dollaru Amerikan (USD900) ekwivalenti għal madwar sitt mitt Euro (€600). Il-kwerelant aċċetta l-offerta tal-akkużat u ħalsu s-somma ta’ disa mitt Dollaru Amerikan (USD900) filwaqt li jikkonferma li kien hemm diversi persuni ta’ nazzjonalita’ Somala li kienu miegħu dakinhar u li kienu jammontaw għal iktar minn tlieta minn nies li ukoll kienu ħalsu l-istess somma favur l-akkużat għall-istess skop. Filfatt, il-kwerelant stqarr li kien hemm madwar għoxrin Somalu (20) li ħalsu lill-akkużat bl-istess mod u għal l-istess għan. L-akkużat wiegħed li kien ser jagħmel l-arranġamenti kollha meħtieġa sabiex dan il-vjaġġ isir permezz ta’ dagħjsa u ta l-istruzzjonijiet meħtieġa lill-kwerelant u lil persuni oħra ai fini tal-pjan tal-ħarba, li kellha sseħħ nhar l-1 ta’ Lulju 2008 għall-ħabta tas-sagħtejn ta’ wara nofs in-nhar. Filfatt l-akkużat kien anki ikkonġura ma persuni oħra li filfatt ipprovdu l-mezz ta’ trasport u ċioe’ il-vettura, li kienet ser twassal lill-vittmi għad-dagħjsa li kienet intiża sabiex tittrasporthom bħala immigranti llegali lejn Malta mill-Libja. L-akkużat kien xjenti tal-fatt li dan il-vjaġġ kien ser isir b’mod illegali u mingħajr il-permessi u d-dokumentazzjoni meħtieġa u liema vjaġġ seta’ faċilment jipperikola l-ħajja ta’ dawk li jaċċetaw li jgħamluha versu pagament mitlub mill-istess akkużat. Irriżulta wkoll li l-akkużat kien diġa għamel arranġamenti simili għal persuni oħra f’dati preċedenti, preċiżament bejn il-ħamsa u għoxrin (25) u s-sitta u għoxrin (26) ta’ Ġunju tas-sena elfejn u tmienja (2008) u

kien tħallas bl-istess mod u għall-istess skop. Filfatt il-kwerelant u persuni oħra identifikaw lill-akkużat bħala dik il-persuna li għenithom sabiex tgħamillhom l-arranġamenti kollha sabiex jaħarbu b'mod illegali mill-Libja u jsalapaw illegalment lejn Malta, u dan versu prezz ta' disa' mitt Dollaru Amerikan (USD900) kull wieħed.

Illi b'għemilhu l-imsemmi Mohammed Muhadin Dhiblaawe sar ħati talli, bil-ħsieb li jagħmel xi qliegħ li jkun, għen, assista, ta parir jew ħabrek biex persuni oħra jidħlu jew jagħmlu tentattiv biex jidħlu jew joħorġu jew jgħaddu minn jew jagħmlu tentattiv biex jgħaddu minn jew jagħmlu tentattiv biex joħorġu minn Malta bi ksur tal-liġijiet ta' Malta, jew li, sew f'Malta jew barra minn Malta, ikkonġura f'dak is-sens ma' xi persuna oħra; b'dan li l-persuni mgħejjuna, assistiti, mogħtija parir, li jkun sar tħabrik dwarhom, jew il-mira tal-konġura, kienu ta' aktar minn tlieta.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-Mohammed Muhadin Dhiblaawe, ħati talli, bil-ħsieb li jagħmel xi qliegħ li jkun, għen, assista, ta parir jew ħabrek biex persuni oħra jidħlu jew jagħmlu tentattiv biex jidħlu jew joħorġu jew jgħaddu minn jew jagħmlu tentattiv biex jgħaddu minn jew jagħmlu tentattiv biex joħorġu minn Malta bi ksur tal-liġijiet ta' Malta, jew li, sew f'Malta sew barra minn Malta, ikkonġura f'dak is-sens ma' xi persuna oħra ; b'dan li l-persuni mgħejjuna, assistiti, mogħtija parir, li jkun sar tħabrik dwarhom, jew il-mira tal-konġura, kienu ta' aktar minn tlieta; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi hu jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn sitt xhur u mhux iktar minn tnax il-sena jew multa ta' tlieta u għoxrin elf mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73) jew dik il-multa u priġunerija flimkien, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 337A(1), 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-Rikors Konguntiv tal-Avukat Generali w tal-akkuzat Mohamed Muhadin Dhiblaawe, tas-7 ta’ Marzu, 2011, fejn, wara li ddikjaraw li kienu qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1)(2) tal-Kodici Kriminali li fl-eventwalita’ li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkuzat ghall-akkuzi migjuba kontrieh, il-piena li ghandha tigi inflitta fuqu minn din il-Qorti ghandha tkun wahda ta’ prigunerija ghal periodu ta’ erba` snin u sitt xhur u dan oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi ohra tassattivi ghad-dikjarazzjoni w sejbien ta’ htija ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat illi waqt is-seduta tal-lum, l-akkuzat, mistoqsi jekk huwiex hati skond l-Att tal-Akkuza, wiegeb billi stqarr li huwa kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ din it-twegiba w taghtu ftit taz-zmien biex jerga’ lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-akkuzat baqa’ jtenni t-twegiba li huwa kien hati.

Tiddikjara ghalhekk lil Mohammed Muhadin Dhiblaawe hati talli bil-ħsieb li jagħmel xi qliegħ li jkun, għen, assista, ta parir jew ħabrek biex persuni oħra jidħlu jew jagħmlu tentattiv biex jidħlu jew joħorġu jew jgħaddu minn jew jagħmlu tentattiv biex jgħaddu minn jew jagħmlu tentattiv biex joħorġu minn Malta bi ksur tal-liġijiet ta’ Malta, jew li, sew f’Malta jew barra minn Malta, ikkonġura f’dak is-sens ma’ xi persuna oħra; b’dan li l-persuni mgħejjuna, assistiti, mogħtija parir, li jkun sar tħabrik dwarhom, jew il-mira tal-konġura, kienu ta’ aktar minn tlieta u dan skond l-uniku kap tal-Att ta ‘ l-Akkuza.

Ikkunsidrat,

Il-gurisprudenza lokali kif ukoll dik ta’ barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna tghamel ammissjoni bikrija senjatament “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Nicholas Azzopardi**” [24.2.1997] (Qorti Kriminali); “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Mario Camilleri**” [5.7.2002] (Qorti ta’ l-Appell Kriminali); “**Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa”** [17.7.2002] (Qorti ta’ l-Appell Kriminali) kif ukoll il

**BLACKSTONE’S CRIMINAL PRACTICE** (Blackstone Press Limited 2001 edit) ;

Qieset l-ammissjoni qabel ma gie iffurmat il-guri, li pero’ ma tistax tissejjah wahda bikrija ghaliex la saret mal-prezentata b’arrest tal-hati, u lanqas saret waqt il-kumpilazzjoni.

Din il-Qorti thoss li f’ dan il-kaz partikolari ghandha taderixxa ghat-talba konguntiva maghmula skond l-artikolu 453A tal-Kodici Kriminali u ghaldaqstant, wara li rat l-artikoli 337A(1), 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali tikkundanna lill-hati**, Mohammed Muhadin Dhiblaawe** ghall-piena komplessiva ta’ **erba` (4) snin u sitt (6) xhur**, kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta’ mitejn wiehed u sebghin euro u erbgha u hamsin centezmu **(€271.54),** rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f’dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------